TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 25/10

**Francis Sullivan**
**vs**
**Compunet**

Illum 4 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Jannar, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mitt ewro (€800), rappreżentanti prezz ta' *laptop* li kellu l-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi huwa xtara *laptop* mingħand is-soċjeta' intimata bil-prezz ta' tmien mitt ewro (€800), u kellu l-ħsara fis-*switch* f'inqas minn sena wara li nxtara.

L-intimat issottometta bil-miktub illi meta l-*laptop* ittieħed għandu, kellu s-*switch* miksur u li ma kienx it-tort tiegħu.

Minħabba n-natura teknika tal-materja, t-Tribunal qabbad espert tekniku lis-Sur Martin Bajada sabiex jirrelata fuq il-każ, fejn ikkonkluda li l-*power switch* ma kienx kaġun ta' waqgħa jew difett tal-manifattura, imma aktar kompatibbli ma' *wear and tear* mill-użu fuq il-UMPC.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jinnota illi meta tixtri dan it-tip ta' *computer*, ma tippretendix illi f'inqas minn sena għandu jmurlek.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi l-*laptop* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888